**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 153/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Louise Vella )**

**Vs**

**ALFRED CASSAR MALLIA**

**Illum, 3 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Alfred Cassar Mallia talli fit-12 ta'Mejju, 2001, ghal habta ta' l-10.30 a.m., u fil-gimghat precedenti, fir-Rabat jew/u f'xi bnadijiet ohra f'Malta, f'hinijiet differenti, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi w li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk, bi ksur ta' l-Artikolu 12 ta' l-Ordinanza Dwar il-Lottu Pubbliku, 1932, (Kap. 70 ) ;

2. Ghamilha ta'ricevitur ta'gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi bi ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Kap. 70 ;
3. Biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan bi ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Kap. 70 ;
4. Organizza xi poll fuq loghob projbit jew gabar gugati dwar hekk, sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn, jew ghin jew hajjar biex isiru dawn il-pools b'xi mod, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 16 tal-Kap. 131.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-18 ta'Lulju, 2001, li biha sabet lill-Alfred Cassar Mallia hati ta' dawn l-akkuzi izda b'dan li l-ewwel akkuza tassorbixxi fiha t-tieni w it-tielet akkuzi, filwaqt li ghal dak li jirrigwarda r-raba akkuza, din jirrizulta biss il-pussess tal-kupuni tal-pools kif kontemplat fl-Artikolu 16 (4) tal-Kap. 131, u, ghalhekk, ikkundannatu Lm1,000 Multa fuq l-ewwel akkuza w Lm50 Multa fuq ir-raba akkuza, kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

Rat ir-rikors t'appell ta'Alfred Cassar Mallia datat 30 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberah minn kull akkuza w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghalkemm l-appellant ghandu aktar minn aggravju wiehed, effettivament dawn jistghu jigu kunsidrati flimkien ghaliex il-kwistjoni kollha hija wahda purament ta' apprezzament tal-provi.
Din il-Qorti ezaminat sewwa l-provi li gew prodotti quddiemha li ghandha tahseb li sostanzjalment kienu l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti. Dan ghamlitu sabiex taqdi l-funzjoni taghha ta'Qorti ta'Revizjoni w tara jekk in bazi ta' dawk l-istess provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment issib htija fl-appellant.

Minn dan l-ezercizzju li ghamlet, din il-Qorti ma ssib ebda raguni jew motiv l-ghaliex ghandha b'xi mod tindahal fid-diskrezzjoini ezercitatha mill-ewwel Qorti w tirrimpjazzaha b'taghha. L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb, regolari, u li fuqu setghet tiddeciedi kif iddecidiet b'mod ragjonevoli u legali. L-appellant instab izomm f'idejh materjal konness mal-loghob klandestin tal-pools. Tali sitwazzjoni holqot presunzjoni kontra tieghu w l-oneru tal-prova gie invertit fuqu biex jipprova il-kuntrarju, haga li ma ghamilx sal-grad rikjest mil-ligi (imqarr dak tal-probabbli). Ghalhekk ma hemm xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta'Alfred Cassar Mallia huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha, inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

Aldo Testone
Deputat Registratur